# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-21 ta' Gunju 2001**

Citazzjoni numru 139/98G1

Mid Med Bank plc u b'nota tas-7 ta' Jannar 2000 l-isem inbidel ghall-HSBC Bank Malta plc b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999

-vs-

Martin Joseph Xuereb

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fl-14 ta' Awissu 1998 fejn ippremetta illi l-konvenut ha b'qerq minghand Clyde Abdilla ta' "Victoria", Triq Sant'Anglu, Birzebbugia, diversi cheques vojta minn cheque book mahrug mill-bank attur.

Illi l-istess konvenut sussegwentement kiteb id-dettalji fuq tlieta minn dawn ic-cheques u pprezentahom ghall-hlas b'firem foloz fil-fergha tal-Bank attur f'Birzebbugia, liema cheques gew imsarrfin u ghalhekk il-konveut ha l-flus taghhom.

Illi l-ammont komplessiv tat-tliet cheques hekk maghmula, huwa ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300) kwantu ghall-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fuq cheque numru 000150 datat 4 ta' Lulu 1997 u msarraf fil-11 ta' lulju 1997, kwantu ghall-ammont ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) fuq cheque numru 000130 datat 8 ta' Lulju 1997 u msarraf ukoll fil-11 ta' Lulju 1997 u kwantu ghal tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850) fuq cheuqe numru 000147 datat 16 ta' Lulju 1997 u msarraf fis-17 ta' Lulju 1997 kif jirrizulta minn kopja ta' dawn ic-cheques hawn annessa u mmarkata Dok A.

Illi l-bank attur iddeposita lura fil-kont ta' Clyde Abdilla l-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300) imhallas lill-konvenut bic-cheques kif hawn fuq premess.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi anke permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' April 1998 sabiex jirrifondi l-flus hekk imhalsa lilu mill-bank izda baqa' inadempjenti.

Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili (Kap 12) stante li fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni x'jaghti kontra t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att affidavit a tenur ta' l-istess artikoli, li qed jigi mmarkat bhala Dok B.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din il-Qorti

1. tipprovdi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

2. tikkundannah ihallas s–somma ta' elf u tliet mitt lira Maltin rapprezentanti l-bilanc dovut lis-socjeta' attrici fuq cheques foloz msarrfa kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' April 1998 u bl-imghax sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-fatti ta' l-attur, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm prezentati.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-8 ta' Ottubru 1998 fejn ordnat li l-kawza issir bid-dispensa ghas-smiegh b'dan li laqghet l-ewwel talba ta' l-attur u ma ammettitx li l-konvenut jaghmel eccezzjonijiet.

Ezaminat il-provi u d-dokumenti.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ghandha anke fil-mankanza ta' eccezzjonijiet da parti tal-konvenut tezamina jekk l-attur ippruvax t-talbiet tieghu, f'dan il-kaz it-tieni talba fejn saqsa li l-konvenut ihalsu l-ammont ta' elf u tliet mitt lira Maltin (Lm1300).

Il-Qorti kif preseduta fl-ahhar udjenza qabel din kienet ammettiet lill-konvenut li jixhed stante pagamenti minnu maghmula fil-mori tal-kawza. L-attur da parti tieghu waqt li pprova sodisfacentement dak li ppremetta fic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni tieghu cioe' li l-konvenut kien debitur tieghu fl-

ammont ta’ elf tliet mitt lira Maltin (Lm1300) ipprezenta prospett, esebit a folio 33, in sostenn ghall-fatt li l-konvenut kien jonqsu ammont bilancjali ta’ erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm74.28) apparti xi imghax u spejjez tal-kawza.

Mid-dokumenti in atti jirrizulta:

a. li l-pagamenti maghmula mill-konvenut akkont tal-pagament tas-somma mitluba skond ic-ciitazzjoni saru kollha kemm huma fil-mori tal-kawza;

b. li l-ammont bilancjali li l-attur qieghed jippretendi fis-somma ta’ erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm74.28) jirrizulta gustifikat u dovut salv l-imghax mill-15 ta’ Dicembru 2000.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-tieni talba ta’ l-attur limitatment ghall-ammont ta’ erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm74.28) u tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont bl-imghax mill-15 ta’ Dicembru 2000 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess konvenut.

(ft.) A. M. Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur